

Jekk m'għandniex lanqas ċans nitkellmu, kif nistgħu nifhmu lil xulxin?

**INĦOBBOK tfisser NIFHMEK!**

X'qalu koppji li għamlu dan il-kors:

- B'familja numeruża, bi tfal għadhom qed jikbru, skoprejna l-importanza li nqattgħu ftit ħin waħedna għall-kwiet bħala koppja, tal-inqas darba fil-ġimgħa. B'hekk sirna iktar konxji li nagħtu iktar attenxjoni lil xulxin. **Jane u Keith**
- Kors li għallimna kif nimxu f'kull diffikultà fir-relazzjoni ta' bejnietna. **Isabelle u Mario**
- Bis-saħħa ta' dan il-kors indunajna kemm huwa importanti li taqsam ma' xulxin dak kollu li jdejqek u dak li jferħek bħala koppja miżżewġa. **Pauline u Mark**
- Ikolli ngħid li wara l-kors ħajjitna saret ħafna aħjar. Kors li jaħdem tassew! **Rosalie u Ronnie**
- Iż-żwieġ tagħna għamel qabża kbira 'l quddiem - qabża kbira fl-intimità u fil-komunikazzjoni ta' bejnietna. Erġajna bdejna nidħku flimkien! **Eric u Claire**
- Il-kors probabbilment kien l-aqwa investiment li għamilna fina nfusna. Kien pinġut għalina. Għelibna ħafna problemi li kienu qed jifirduna. Iż-żwieġ tagħna reġa' ħa l-ħajja. **Rita u Simon**
- Il-Marriage Course fil-fatt salvalna ż-żwieġ tagħna. **Angela u Peter**

Kuntatti:

Arċipriet
Dun Bastjan Caruana
(21433826/792011844)

Kummissjoni Familja
John Dimech

99434304

# The Marriage Course 2022



Imexxi Dun Bastjan Caruana

KORS GĦALL-MIŻŻEWĠIN LI JIXTIEQU JIKBRU FIR-RELAZZJONI TA' BEJNIETHOM.

Seba' laqgħat fejn il-koppji jagħtu żmien lilhom infushom u lil xulxin biex jiltaqgħu fi djalogu veru dwar aspetti essenzjali fir-relazzjoni u fiż-żwieġ tagħhom, f'ambjent ta' restorant waqt ikla.

**Kummissjoni Familja Mosta**

# The Marriage Course 2022

Kull laqgħa tinkludi:

- **Ikla sempliċi**, f'ambjent kwiet li wieħed jista' jitkellem, jirrifletti u jiddiskuti.
- **Diskors** minn koppja professjonali (fuq **DVD**). Dan ikun bl-Ingliż.
- **Konverżazzjoni fil-koppja** b'eżerċizzji gwidati (li jitkomplew id-dar).

**MA JKUNX HEMM DISKUSSJONI FIL-GRUPP. DIN HI ESPERJENZA PERSONALI FIL-KOPPJA.**

**Dati: 12 u 19 ta' Frar 2022**
**5, 12 u 26 ta' Marzu 2022**
**9, 23 u 30 ta' April 2022**

**L-aħħar laqgħa tibda fid-9.00am fejn tinkludi 'coffee break', quddiesa u ikla ta' wara nofsinhar.**

**F'każ ta' bżonn ser ikun hemm superviżjoni għal tfal żgħar. Il-koppji huma mitluba javżaw jekk jiġu bżonn dan is-servizz.**




**TEMI TAL-LAQGĦAT**

1. **Building Strong Foundations**
2. **The Art of Communication**
3. **Resolving Conflict**
4. **The Power of Forgiveness**
5. **Parents and In-Laws**
6. **Good Sex**
7. **Love in Action**

**Ħin:** 7.30pm - 10.00pm. Inkunu hemm fis-7.15pm biex nibdew fil-ħin.

**Post:** Oratorju Qalb ta' Ġesù

**Ħlas:** €7 kull serata kull persuna. Jinkludi ikel u ktejjeb bl-eżerċizzji u spjegazzjoni tat-tema. (€49–il persuna għall-ewwel seba laqgħat u l-prezz tal-aħħar laqgħa għad irid jiġi kkonfermat).

**Ikel:** Main course, drink, kafè

**IMPORTANTI:**

Min jidħol għall-kors irid jattendi għas-serati kollha (barra f'każi ta' emerġenza). Il-koppji jidħlu għas-serata mingħajr tfal, biex din tkun tassew għalihom.

Naċċettaw applikazzjonijiet fuq *first time first served basis* (massimu ta' 15-il koppja).

Aqta' hawn

Biex tapplika, ibgħat din il-formola lill:

**Arċipriet Dun Bastjan Caruana,**
**Uffiċċju Parrokkjali, Mosta**

ISEM: ______________________________

INDIRIZZ: ___________________________

____________________________________

____________________________________

____________________________________

TELEFON: ___________________________

MOBILE: ____________________________

Għandek bżonn lil min jieħu ħsieb it-tfal? Iva/Le

Numru ta' tfal:________________________

L-eta' tat-tfal:________________________

**Tista' tapplika wkoll billi tibgħat email b'din l-informazzjoni lil: Dun Bastjan Caruana fuq bastjan@hotmail.com jew lil John Dimech fuq jdimechmosta@gmail.com**

L-applikazzjoni titqies bħala impenn għall-kors kollu. Ħlas tal-kors kollu jsir fl-ewwel laqgħa. Għal kull informazzjoni oħra tista' iċċempel fuq 99420673.